# 60. Ġol-Ħondoq

Is-siġar għatxanin marru jitperrċu
għal ġewwa l-ħondoq twil fil-wied imfannad
mill-ħamla kbira t'ilmijiet qalila
t'eluf ta' snin.

Is-siġra tal-ħarrub kif tperrċet naqra
ħassitha taha l-mejt u qatgħet qalbha,
u wara li ggranfat mal-blat b'egħruqha
qagħdet tittawwal.

Tax-xewk il-bajtra niżlet iżjed 'l isfel
u sabet xifer ċatt fejn l-ebda tifel
ma jinżel jisraq, tħawlet fuqu u qagħdet
tħammar il-bajtar.

Siġret it-tin mit-tnej' aktar qalbiena
mal-blat iżżerzqet, sabet ferq u egħruqha
tefgħet ġo fih u baqgħet tgħix imxabbta
bit-tin miżgħuda.

Iżda l-qasbiet qlubin bħal ġliba għefiered
niżlu s'isfel nett nett u ġewwa l-ilma
qagħdu jitbah'rdu lkoll is-sena sħiħa
u jħaxwxu l-għana.